# MQABBA LOCAL COUNCIL

29, PARISH STREET, MQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt


Minuti tas-Seduta numru wieħed u tletin (31) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2009, fis-7:00pm fil-Bini Muniċipali ta' l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretajru Eżekuttiv |

1. Is-Sindku **ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**laqgħa bdiet nofs siegħa tard** għaliex ma kienx hawn kworum, peress li Grace Marie Mallia kienet avżatna li ġejja tard, kif għamel ukoll Paul Spiteri, filwaqt li d-Deputat Sindku talab li jkun skużat għaliex ma laħħaqx jiġi minħabba x-xogħol tiegħu.

3. Is-Sindku qassam minuti ta' **laqgħa li nżammet nhar id-9 ta' Lulju, 2009**, li ħadithom il-kunsillier Grace Marie Mallia fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, l-Ispettur Carlos Cordina, mill-Għassa taż-Żurrieq, kif ukoll rappreżentanza ta' *Sterling Security*, l-kumpanija tal-gwardjani lokali.

4. Il-**bankina fil-Pjazza tal-Knisja** bejn Triq Sta Katerina u Triq il-Madonna tal-Ġilju li kienet parti oħra mill-proġett tal-Pjazza mibdi mill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura, issa tlestiet għal kollox. Għaldaqstant il-pajpijiet u l-katusi midfuna fit-triq u l-istess bankina, issa tpoġġew parti mill-ħaddiema tal-Gvern u oħrajn mill-ħaddiema tagħna.

5. Dwar il-**ħatra ta' librar/a** is-Sindku ressaq l-isem ta' Ms Pauline Zammit biex il-Kunsill Lokali Mqabba japprova r-rwol importanti tagħha fost l-Imqabbin. Il-bieraħ, ġew magħżula sitt persuni f'ordni ta' *ranking*, minn total ta' sebgħa u għoxrin kandidat/a, li propju qagħadu għall-intervisti li saru l-bieraħ mis-Sindku, id-Direttur Libreriji Pubbliċi u s-Segretarju Eżekuttiv. Minn dawn is-sebgħa u għoxrin interessati naqsu xi wħud li awtomatikament kienu skwalifikati minħabba li ma tfaċċawx għall-intervista. Intant ir-rakkomandazzjoni tal-bord lill-Kunsill hija ta' persuna mqabbija li kienet *acting manager* ta' kumpanija li kienet inkarigata mill-*marketing* u l-kotba tagħha. Il-kunsillieri preżenti approvaw din il-ħatra u Ms Zammit hija mistennija li tattendi għall-kors qasir ftit tal-jiem oħra.

6. Jidher li n-nominazzjonijiet taż-żgħażagħ li ingħataw mill-Kunsill Lokali Mqabba xi ftit aktar tard milli kien mitlub, ġew aċċettati mill-Kunsill Nazzjonali taż-

Żgħażagħ u dawn se jkunu qed jirrappreżentaw liż-żewġ soċjetajiet tal-banda fil-**Parlament taż-Żgħażagħ.**

7. It-tagħrif dwar il-persuna ta' **Ġużepp Galea**, issa għaddejnih lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, biex dawn jikkunsidraw l-isem ta' triq ġdida fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Dwar din il-proposta is-suġġett kien imqajjem fil-minuti tas-seduti preċedenti.

8. Se nitlobu formalment lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, biex titwaqqaf venda temporanja fuq il-Mentna, fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fi żmien il-festa. Dan sabiex ir-residenti tal-Imqabba kif ukoll tal-Qrendi, jibqgħu ikunu moqdija tajjeb anke fil-**festa ta' Sta Marija**, peress li fiż-żewġ irħula tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa u jkun hawn diversi toroq magħluqa għat-traffiku.

9. Il-Kunsill se jitlob il-kejl dettaljat tal-manutenzjoni tat-toroq li twettqet matul ix-xitwa li għaddiet mill-kuntrattur tiegħu **C & S Services**. Infatti dan qed jintalab qabel ma jkun qed jgħaddi l-kumplament tal-ħlasijiet lilu, għax-xogħol li sar diversi xhur ilu.

10. Paul Spiteri qal li dan l-aħħar iltaqa' l-kumitat responsabbli mill-attivita' nazzjonali bl-isem **"L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien"**. Hu qal illi dawn iddiskutew kif se janimaw per eżempju Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-ħsieb ta' dawn iż-żgħażagħ huwa, li din il-pjazzetta li fil-fatt hija ġnien b'ħerża ta' bir fih, se tinqasam fi tliet partijiet u tiddawwar bil-*pallets* id-dawra tal-pjazza. Faċċata, fejn il-katakombi, se tintrema' speċi ta' għajn tal-ħasselin. Paul Spiteri qal illi se nikkomunikaw ma l-ITS u ma l-Armata dwar l-involviment tagħhom f'din l-attivita', filwaqt li qed jikkonfermaw is-sehem tagħhom xi kantanti. Hu qal li fosthom ġejja Claudia Faniello. Is-sindku talab laqgħa ma' dan il-kumitat nhar it-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2009 fil-Muniċipju ħalli jkun jista' jsegwi l-progress tat-tħejjijijet għal din l-attivita'.

11. Nicholas Briffa ikkummenta dwar id-diffikulta' ta' **likwidita'** tal-Kunsill f'każ li nibbenefikaw minn fondi mill-Unjoni Ewropeja. Huwa qal li jekk ma jkunx hemm il-mekkaniżmi sabiex jinħoloq moratorju fuq l-interessi ħalli l-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn *loan* li ma jkunx ta' piż għalih, allura se nbatu ħafna f'dik li hija likwidita'. Intant, Noel Galea informa lill-Kunsill li l-kumitat li kien membru fih tal-GAL Xlokk, iltaqa' għal jumejn infila biex għamel *short listing* tal-offerenti. Bħala ko-ordinatur inħatar Silvio Schembri filwaqt li hemm żewġ gruppi li tefgħu l-offerta tagħhom għall-istrateġija.

12. Grace Marie Mallia bagħtet permezz ta' e-mail tliet ritratti li ttieħdu meta l-Kunsill wettaq iż-żjara lill-**ET il-President ta' Malta.** Hija pproponiet illi l-Kunsill għandu joħroġ l-invit formali tiegħu mhux biss għalih iżda għas-sinjura tiegħu ukoll meta hu ttamat li jattendi għall-Quddiesa ta' Ringrazzjament f'Jum l-Imqabba 2009. Infatti is-Sindku tkellem ma' l-organizzaturi tal-programm tal-ET il-President, u fiehemhom li din il-Quddiesa se tinżamm nhar it-18 t'Ottubru,

2009. Fl-okkażjoni ta' din iż-żjara, se tkun organizzata wirja tal-karozzi antiki li wkoll diġa' għamel kuntatt ma' l-organizzaturi s-Sindku, filwaqt li se nippruvaw ukoll intellgħu wirja tal-frott u l-ħxejjex. Intant il-ġurnata l-oħra li fiha se jiltaqa' ma' l-għaqdiet l-ET il-President, (fl-Assemblea Lokali) se tkun nhar il-25 t'Ottubru, 2009.

13. Dwar l-applikazzjoni tal-**iskrivan *part time*** mal-Kunsill fi skala 15, is-SE ħareġ is-sejħa kif jistipulaw il-*human resources regulations* għal dik internament, fost l-iskrivani tal-Kunsilli Lokali, fuq formolarju apposta, filwaqt li llum stess fetħet l-offerta għall-kuntratt ta' kisi tat-toroq bit-tarmak. Dwar l-iskrivan/a, Grace Marie Mallia qalet li jista' jkun illi l-persuna li se tkun allokata magħna fuq l-iskema tal-*Community Works Scheme*, tkun fil-fatt skrivan/a. Iżda dwar dan, il-Korporazzjoni għas-Servizzi u Taħriġ, għadna ma nfurmatniex.

14. Illum propju daħlu l-ewwel żewġ **artikli tal-fuljett** mill-kunsillieri Grace Marie Mallia u Nicholas Briffa. Is-Sindku fakkar lil kunsillieri biex jagħmlu dan mingħajr dewmien forsi nilħqu nistampawh fil-ħin qabel il-festa. Intant il-kunsill ikkunsidra ir-roħs li jista' jkun hemm dejjem jekk jitnaqqsu l-paġni, kulur ecc.

15. Nicholas Briffa qal illi daħlulu rapporti illi qed jidħlu jarmu **materjal tal-kostruzzjoni fi Triq it-Torri**. Minn naħa tal-Kunsill se nivverifikaw jekk dan hux veru u nieħdu l-passi li jidhrilna xierqa. Sadanittant se nistabbilixxu jekk hemmx xi aċċess ieħor li jista' joħloq inqas inkwiet għar-residenti ta' Triq Valletta li f'partijiet minnha lanqas karozza kbira ma tgħaddi komda, aħseb u ara trakk.

16. Dwar l-**iskart mitfugħ f'postijiet rurali**, li nġibditilna l-attenzjoni tiegħu mill-Ministeru tar-Riżosi u Affarijiet Rurali, l-Kunsill kien infurmat illi hemm il-ħsieb illi ssir *Clean Up* mill-Partit Nazzjonalista fi Triq Valletta l-Qadima. Din hija xi ħaġa li ovvjament ninkoraġġuha.

17. Kif ukoll indikat fuq l-agenda, fl-uffiċċju tas-Sindku iltaqa' parti sostanzjali mill-Kumitat tas-**Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju** matul il-ġimgħa li għaddiet. Din il-laqgħa kienet iffissata fuq xewqa tagħhom f'perjodu ta' ftit siegħat. Jidher li fix-xogħol imsemmi aktar 'il fuq f'dawn il-minuti, jiġifieri fuq il-bankina tal-Pjazza tal-Knisja, inqalgħu xi diffikultajiet dwar l-ispustjar tat-toqob il-ġodda ta' l-armar tal-festa. Is-sindku qal li dan l-armar kien se jgħatti l-faċċata tal-każin tal-PN filwaqt li dik tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju, tibqa' 'mikxufa'. Hu qal ukoll li sabuħ ukoll xi partitarji, li lanqas qed jappoġġjaw vetturi pparkjati illegalment fuq is-sinjal l-isfar minn persuni li jkunu fl-istess każin. Is-Sindku qal li kulħadd irid jaqla Ewro fil-festi inkluż il-każin tal-PN billi jpoġġi l-imwejjed u s-siġġijiet flok armar tal-festa.

18. Nicholas Briffa irrefera għal ittra li ntbagħtet mill-KLM biex il-partitarji tal-każin tas-SMMTĠ ma' jibqgħux joħorġu **siġġijiet barra** kull fil-għaxija sabiex ma

jostakolawx il-bankina. Hu qal li din l-ittra kien fiha kliem iebsa fil-konfront ta' din is-Soċjeta'. Is-Sindku staqsa lil Nicholas Briffa min se jidħol responsabbli f'każ li jinqala' xi aċċident għaliex (tista' tkun anzjana omm partitarju tas-SMMTĠ) illi tkun għaddejja u jkollha tinżel il-bankina u taqla' 'l barra bil-vetturi kollha pparkjati fuq is-sinjal l-isfar. Nicholas Briffa qal li jekk irridu ninfurzaw il-liġi, din trid tiġi nfurzata fuq l-ostakoli kollha li hemm fuq il-bankini. Is-Sindku qal li huwa kellu rapport bil-fomm u kellu jaġixxi fuqu u f'każ li jkun hemm oħrajn, hu lest li jagħmel l-istess. Filwaqt li intqal illi hija tradizzjoni li joqgħodu fuq il-bankina għal frisk, is-SE qal li din l-istess delegazzjoni ffurmata mil-Viċi President ġiet tkellmu kemm fuq l-ittra kif ukoll fuq it-toqob tal-festa u dawn qalulu illi faċċata fejn hemm il-bankijiet mal-faċċata tal-Kappella ta' Sta Katerina, wkoll ħadd ma jkun jista' jgħaddi minn hemm minħabba ostakolu. Is-Sindku qal li huwa qal kemm-il darba lil Pulizija fuq rakkomandazzjoni ta' partitarji mill-istess każin sabiex ineħħu l-karozzi pparkjati illegalment fuq is-sinjal l-isfar. Intant, s'issa jidher li ma kienx hemm infurzar dwar dan.

19. Kien hemm sospenzjoni ta' l-agenda biex il-KLM ta spazju lil Ms Miriam Cassar, biex tagħmel il-proposta tagħha fid-dettall lill-Kunsill. Hija kienet ikkomunikat ma' l-Imqabbija Mary Camilleri għan-nom ta' l-għaqda **Vers Agħtini il-Kelma Maltija**, biex tinżamm Lejla letterarja fl-Isptar il-Qadim. Hija qalet li f'serati simili tkun magħżula tema, li fil-każ tagħna hija ssuġġeriet **"Duwa qalb il-Barrieri"** biex nippromwovu l-letteratur maltija. F'dan il-waqt il-Kunsill qal li jaqbel li din l-attivita' tkun abbinata ma' Jum l-Imqabba 2009, f'Ottubru, fis-sit fejn nistgħu intellgħu esebizzjoni mediċinali. Dwar il-finanzjament ta' din l-attivita' hija stiednet lill-KLM sabiex joħroġ €50 biex ikun imħallas Walter Micallef (kantant) kif ukoll biex nagħmlu mejda maltija u fl-istess ħin nippromwovu l-ikel tradizzjonali naturalment malti. Fil-fatt l-ebda kunsillier ma kellu oġġezzjoni għal dawn il-ħlasijiet.

20. L-agenda kompliet billi kienu approvati l-**Payment Approval Sheets** numru 350 u 351.

21. Kienet disponibbli l-**korrispondenza** kollha li bagħtna u irċevejna mill-laqgħa preċedenti s'issa u l-kunsillieri kellhom il-lista tagħha mibgħuta b'e-mail flimkien mal-lista tal-ilmenti li nfetħu u ingħalqu fl-istess perjodu.

22. F'Punti oħra kien imsemmi minn Nicholas Briffa l-ħtieġa li titnaddaf Triq tas-Sejba mil-ħafna trabijiet li hemm u ħaxix ħażin. Dan it-tindif l-aħjar li jsir huwa b'gaffa żgħira.

23. Issemmiet ukoll minn Paul Spiteri l-ħtieġa li **jitnaddaf il-ġibjun** il-miftuħ li jinsab biswit Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Dan minkejja li għadu ma nixifx, se nippruvaw innaddfuh qabel terġa' tibda x-xita, kif jippermettu ċ-ċirkustanzi.

24. Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li beda l-kors tal-Computer u nhar it-Tnejn, 27 ta' Ottubru, 2009 u se jibda dak tal-ganutell ġewwa l-Isptar il-Qadim. Is-SE qal li

peress li dawn ta' l-aħħar riedu wkoll kamra isfel minħabba li hemm min għandu diffikulta' ta' mobilita', ma stajniex nagħmlu mod ieħor ħlief li l-kmamar prinċipali ta' l-istess sptar jintużaw simultanjament.

25. Grace Marie Mallia talbet ir-*ranking* tal-interviews tal-librara li se jkunu mgħoddija lilha fil-jiem li ġejjin, filwaqt li għall-ilment magħmul minnha fis-seduti preċedenti dwar nuqqas ta' ndafa fit-**toilet tal-bitħa ta' l-Għassa,** it-tabib tal-Gvern wiġibna illi dan huwa pubbliku u m'għandux x'jaqsam mal-berġa li għandha tnejn tagħha.

26. Is-Sindku irrefera għal e-mail mibgħuta minn Ms Claudette Baldacchino li **stiednet lill-kunsillieri u lis-SEi** f'attivita' soċjali biex jiltaqgħu nhar il-31 ta' Lulju, 09, wara preżentazzjoni qasira f'kotba li se ssir fi ġnien f'Bormla.

27. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kunsillieri li l-**KNPD** għadhom isostnu illi biex il-bini ta' l-għassa jsir aċċessibbli għandu jkun installat lift, xi ħaġa li ma tistax issir minħabba l-antikita' ta' dan il-post.  Dan għaliex meta nbena l-antenati tagħna ma kienux ħasbu għalih.  Hu qal li biex dawn jiltaqgħu magħna se jitolbuna ħlas li se jkollna nidħlu għalih biex nippruvaw infiehemuhom dan kollu.

28. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-**4 ta' Awissu, 2009** filwaqt li din tal-llum intemmet fid-9:20pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum  /8/09 minn    Noel Galea
Segretarju Eżekuttiv    Sindku